MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1677/1997/1

**Carmelo u Julie mizzewgin Bonnici.**

**vs**

**Benny u Saviour ahwa Farrugia f'isimhom u b'digriet tas-16 ta' Lulju 1998 assumew l-atti tal-kawza Maria Carmela armla ta' Saviour Farrugia, MarieLouise, Orade Gambin, Salvina Gauci, Jennifer Camilleri, Josette Mizzi u Romina Humbach ilkoll ahwa Farrugia minflok Saviour Farrugia li miet fil-mori tal-kawza; u s-socjeta` "Farr Ltd".**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Lulju 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt pubblikat min-Nutar Joseph Spiteri fl-1 ta' April 1986 (Dok."A") hawn anness, l-istanti akkwistaw minn ghand is-socjetajiet "Victor Estates Company Ltd." u "Farr Ltd." tliet bicciet art fil-kuntrada tas-Swieqi attigwi u jmissu flimkien mill-Majistrall ma' Triq is-Sirk, mix-Xlokk ma' passagg privat u Lbic ma' beni ta' terzi; peress li parti minn din l-art ghandha tifforma parti minn triq privata li trid tidhol ghaliha permezz ta' passagg ta' wisa' ta' mhux anqas minn 20 pied, liema passagg huwa accessibbli minn fuq Triq il-Gejza u dan kif jidher mill-annessa pjanta Dok. "B" peress illi f'dawn l-ahhar xahrejn l-intimati abbuzivament, klandestinament u kontra l-volonta` ta' l-atturi hadu gebel mill-propjeta` ta' l-istess atturi u bnew hajt bil-kantun f'nofs il-passagg u bhala konsegwenza uzurpaw nofs il-wisa' tal-passagg imsemmi u ostakolaw l-access liberu ghall-propjeta' ta' l-istess istanti; illi b'hekk il-konvenuti kkommettew spoll u molestija ghad-dannu ta' l-atturi; illi l-istanti talbu u ottenew il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontrihom.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tinibixxi lill-konvenuti milli jkomplu jezegwixxu xoghol fil-propjeta` ta' l-istanti u fil-passagg privat fuq imsemmi;

2. Jigu kkundannati biex fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti jiddemolixxu l-hajt li bnew u jirrimwovu l-gebel kollu li wzaw b'mod li jhallu l-passagg ghall-uzu ta' l-atturi;

3. Fin-nuqqas l-istanti jigi awtorizzat biex jezegwixxi l-imsemmija xoghlijiet ghas-spejjes tal-konvenuti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni tas-27 ta' Gunju 1997 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process li huma mmarkati bhala Dok "A" u Dok "B".

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Bernard *sive* Benny Farrugia f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Farr Ltd datata 8 ta' Mejju 1998 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepit:

1. Fl-ewwel lok li huwa ma ghandux ir-rapprezentanza tas-socjeta` Farr Limited li tinsab in likwidazzjoni u ghalhekk giet skorrettement azzjonata u f'din il-kwalita` ghandu jigi liberat mill-oservanza tal-gudizzju;

2. Fit-tieni lok li Sunny Farrugia kien mejjet fid-data tan-notifika u ghalhekk ic-citazzjoni tinsab irregolarment notifikata fuq dan;

3. Fit-tielet lok li l-eccipjent personalment ma kkommetta l-ebda spoll ghad-danni ta' l-atturi;

4. Fir-raba' lok li l-atturi ma kellhomx il-pussess ta' dak li gie minnhom allegat li gew minnu spoljat;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' Bernard *sive* Benny Farrugia f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Farr Ltd. fol. 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tad-19 ta' Marzu 1998 fejn il-kawza giet differita ghan-notifka tal-konvenuti.

Rat ir-rikors ta' l-istess Carmelo u Julie mizzewgin Bonnici datata 22 ta' Mejju 1998 a fol. 18 tal-process fejn talbu lill-Qorti tinnomina kuraturi biex ikomplu din il-kawza skond il-ligi, u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tas-26 ta’ Gunju 1998.

Rat ir-rikors ta’ Maria Carmela armla ta’ Saviour Farrugia, MarieLouise, Orade Gamdin, Salvina Gauci, Jennifer Camilleri, Josette Mizzi u Romina Humbach ilkoll ahwa Farrugia, datat 30 ta’ Gunju 1998 a fol. 22 tal-process fejn talbu lill-Onorabbli Qorti joghgobha testrometti mill-kawza l-kuraturi ga minnha nominati, u minfolk tippermetti lill-esponenti jissoktaw il-kawza u jassumu l-atti taghha fl-interess tal-mejjet Saviour Farrugia. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo talbet li jigi esebit kopja tat-testment imsemmi u laqghet it-talba kif dedotta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tas-6 ta’ Novembru 1998 (fol.28) fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Xehdet Marisa Farrugia. B’referenza ghar-rikors ta’ l-eredi tal-mejjet Saviour Farrugia, il-Qorti laqghet it-talba wara li semghet ix-xhieda ta’ wahda mill-istess eredi li esebiet kopja tat-testment. Ordnat t-trasfuzzjoni ta’ l-atti kif mitluba. Dr. Doreen Clarke talbet biex tirregola ruhha dwar l-ewwel eccezzjoni u talbet differiment ghal dan l-sikop u dan *stante* li assocjat ruhha fil-patrocinju ta’ l-attrici ma’ Dr. Vincent Falzon. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Marzu 1999 ghall-provi atturi; u tas-16 ta’ Marzu 1999 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Dr. Reuben Farrugia assocja ruhu fil-patrocinju tas-socjeta` Farr. Ltd. Profs Ian Refalo, ghan-nom ta’ l-eredi tal-mejjet Saviour Farrugia, li f’isimhom gew trasfuzi l-atti, ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh u ghan-nom taghhom aderixxa n-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-8 ta’ Mejju 1998. Dr. Vincent Falzon ta ruhu b’notifikat b’dawn l-eccezzjonijiet. Profs. Ian Refalo, ghalhekk irtira t-tieni eccezzjoni tieghu. Fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni Dr. Vincent Falzon talab korrezzjoni fis-sens illi jigu kkancellati l-kliem ‘propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-‘ u jidhlu minflok il-kliem ‘u is-‘. Talba mhux opposta. Il-Qorti, kif diversament presjeduta,

laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba. Profs. Ian Refalo ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta. *In vista* ta' dan il-Qorti estendiet milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni. Gie miftiehem illi l-provi migbura fil-kawza 1677/97 ghandhom jghoddu wkoll ghall-kawza numru 1697/97. Xehed l-attur Carmelo Bonnici. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Gunju 1999 ghall-kontinwazzjoni; tal-10 ta' Gunju 1999 fejn xehed il-Perit Brian Ebejer li gie ezaminat mill-avukat Dr. Falzon u kontro-ezami mill-Profs Refalo. Gietipprezentata kopja ta' pjanta (Dok "CF1") waqt ix-xhieda tal-Perit Ebejer. Dr. Vincent Falzon iddikjara li m'ghandux aktar provi salv ghal dak li jista' jirrizulta fil-provi tal-kontro-parti. Gie miftiehem illi din l-istess kontro-parti kellha tipprezenta x-xhieda taghha permezz ta' affidavits li kellhom jigu notifikati lill-kontro-parti skond il-ligi u rrizerva d-dritt tal-kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-14 ta' Dicembru 1999; tal-14 ta' Dicembru 1999; tal-14 ta' Frar 2000; tat-3 ta' Mejju 2000; tad-9 ta' Novembru 2000; tad-19 ta' April 2001; u tat-12 ta' Lulju 2001 fejn xehed Bernard Farrugia. B'referenza ghar-rikors tat-18 ta' Gunju 2001, Profs. Ian Refalo rrimetta ruhu u l-Qorti ghalhekk fl-interess tal-gustizzja laqghet it-talba, b'dan illi x-xhieda tal-persuni msemmija ghandha tkun ristretta biex propju tikkontrobatti l-affidavits ipprezantati mis-socjeta` Farr Ltd. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Dicembru 2001.0

Rat l-avvizi tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tas-7 ta' Dicembru 2001 u tad-29 ta' Jannar 2002.

Rat l-avvizi tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Qorti David Scicluna tas-26 ta' Frar 2002 u tas-17 ta' April 2002 u l-verbali tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon. Dehru l-partijiet. Dr. Vincent Falzon ghall-konvenut talab in-nomina ta' Perit Tekniku biex ihejji pjanta tal-propjeta` in kwistjoni, jiehu konjizzjoni tal-pjanti esebiti mill-partijiet, kif ukoll ta' *survey* illi l-konvenut *nomine seduta stante* ddikjara li saret fl-ahhar hames snin u jaghmel il-kostatazzjonijiet tieghu f'dan ir-rigward. Xehed John Pisani. Dr. Debora Farrugia ghas-socjeta` konvenuta

opponiet ghal din it-talba peress illi din il-kawza ghandha tinstema' b'urgenza billi citaz. Numru 1697/97 hija kawza ta' spoll. Il-Qorti awtorizzat lil Dr. Vincent Falzon jipprezenta x-xhieda ndikati fir-rikors tat-18 ta' Gunju 2001 permezz tal-procedura ta' l-affidavit fi zmien tax-xhieda li taghhom se jigi prezentat l-affidavit. Il-kawza giet differita ghat-8 ta' Ottubru 2002; u tat-8 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-19 ta' Frar 2003; tal-4 ta' April 2003; u tat-2 ta' Mejju 2003 fejn deher il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti li halef ir-rapport. Il-kawza giet differita ghal ezami rapport u eskussjoni tal-Perit Tekniku ghall-10 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti pprezentat fir-Registru fid-9 ta' Settembru 2002 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2003, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti kollha prezentati, l-istess rapport jinsab esebit minn fol. 116 sa fol. 127 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-10 ta' Gunju 2003; u tat-28 ta' Ottubru 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon ghall-attur u Dr. Deborah Farrugia ghas-socjeta` konvenuta. Deher il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti. Il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw lista ta' domandi li jridu jaghmlu lill-Perit Tekniku ghal eskussjoni u liema domandi jigu komunikati zmien utili sabiex fis-seduta li jmiss jipprezenta risposta bil-miktub. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Jannar 2004 biex il-Perit Tekniku jipprezenta r-risposti; u tat-28 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota ta' Carmelo Bonnici datata 30 ta' Jannar 2004 a fol. 144 tal-process li biha pprezenta lista ta' domandi biex tigi moghtija risposta ghalihom mill-Perit Joseph Ellul Vincenti.

Rat it-twegibiet ghall-mistoqsijiet maghmula minn Dr. Vincent Falzon tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti pprezentati fir-Registru fit-18 ta' Frar 2004 a fol. 148 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-17 ta' Marzu 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr, Vincent Falzon ghall-attur u l-Professur Ian Rafalo ghall-konvenuti. Xehed il-Perit Joseph Ellul Vincenti. Il-Professur Ian Refalo rriserva li jaghmel domandi verbali lill-Perit Tekniku ghall-aktar kjarifiki. Dr. Refalo esebixxa kopja tal-kuntratt ta' l-1 ta' April 1986 li giet mehuda mill-arkivju tan-Nutar tal-Gvern. Dr. Falzon irriserva l-pozizzjoni tieghu dwar d-dokumenti li gew prezentati *seduta stante*. Il-kawza giet differita ghall-eskussjoni tal-Perit Tekniku ghat-28 ta' Mejju 2004.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-28 ta' Mejju 2004 u l-verbali tas-seduti ta' l-istess Qorti tat-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Dicembru 2004 ghall-prezentata tan-nota ta' Carmelo Bonnici; tal-1 ta' Dicembru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon ghall-atturi u l-konvenut assistit minn Profs. Ian Refalo. Profs. Refalo nforma lill-Qorti li fit-30 ta' Novembru 2004 ipprezenta lista tax-xhieda li fadlilhom il-konvenuti f'dan il-kaz u b'kopja lill-kontro-parti li giet irtirata *seduta stante*. Dr. Falzon irriserva l-pozizzjoni tieghu dwar ix-xhieda u d-dokumenti. Il-konvenut talab li jigi nominat perit kaligrafu biex jezamina l-original tal-kuntratt esebit *seduta stante* u jirrelata dwar il-korrezzjonijiet li jidhru fih. L-attur irriserva li jirrispondi anke bil-miktub. Il-kawza giet differita ghas-26 ta' Jannar 2005 ghan-nomina *okkorrendo* tal-perit; tas-26 ta' Jannar 2005 fejn deher il-konvenut assistit minn Dr. Vincent Falzon. Il-Qorti, b'refernza ghan-nota tas-socjeta` attrici tat-30 ta' Novembru 2004 u kif ukoll tas-6 ta' Dicembru 2004; wara li rat in-nota tal-konvenuti ammettiet il-produzzjoni tax-xhieda u tad-dokumenti hemm indikati bil-fakolta` li l-konvenuti jipproducu xhieda in

kontestazzjoni u in kontro-ezami. Deher ukoll l-istralcjarju tas-socjeta` attrici. Fuq talba maghmula b'rikors tas-socjeta` attrici l-kawza giet differita ghat-23 ta' Frar 2005 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; tat-23 ta' Frar 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon ghal Carmelo Bonnici prezenti u Dr. Reuben Farrugia ghas-socjeta` Farr Limited u rapprezentant ta' l-istess li hu stralcjarju ta' l-istess kumpanija. Dr. Farrugia talab li n-nomina tal-perit kaligrafu tkun relatata mal-kuntratt li kopji tieghu jinsabu esebiti a fol. 159 sa fol. 163 u minn fol. 174 sa fol. 183, liema kuntratt igib d-data ta l-1 ta' April 1986. L-istess Dr. Farrugia impenja ruhu li jipprezenta nota spjegattiva ndikanti l-kliem u firem u pjanti li gew allegati, li gew mizjuda wara l-kuntratt. Huwa mpenja ruhu wkoll li jesebixxi kopja certifikata ta' l-atti in kwistjoni. Il-partijiet qablu li jigi nominat espert karigrafu Joseph Gaffiero. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Joseph Gaffiero, espert tekniku, li ghandu jirrelata b'referenza ghan-nota li ser tigi prezentata mis-socjeta` konvenuta u a spejjes provvizorjament tas-socjeta` konvenuta. Dr. Falzon irriserva li jressaq provi *viva voce* dwar l-allegazzjoni konvenuta referibbilment ghall-kuntratt. Il-kawza giet differita ghas-26 ta' April 2005 ghar-rapport u provi tas-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota ta' Benny Farrugia *pro et nomine* datata 30 ta' Novembru 2004 (fol.183) li biha *a tenur* tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, indikaw l-ismijiet tax-xhieda li jixtiequ jipproducu.

Rat in-nota ta' Benny Farrugia pro et *nomine* datata 20 ta' Mejju 2005 a fol. 192 tal-process li biha ndika d-dettalji li ried jigbed l-attenzjoni tal-perit espert kaligrafu ghalihom biex jigu minnu ezaminati.

Rat ir-rikors ta' Benny Farrugia pro et *nomine* datata 11 ta' Ottubru 2005 (fol. 195) fejn l-esponenti talbu lill-Qorti li l-imsemmija Victor Estates Limited jigu kjamati fl-atti ta' din il-kawza, u r-risposta ta' Carmelo Bonnici *et* datata 25 ta' Ottubru 2005.

Rat id-digriet odjern inkorporat f'din id-decizjoni ukoll fejn cahdet it-talba f'dan l-istadju u dan anke peress li din hija azzjoni ta' spoll.

Rat in-nota ta' Benny Farrugia *proprio et nomine* datata 11 ta' Ottubru (fol. 197) li biha ndikaw ix-xhieda li jixtiequ jipproducu.

Rat l-ordnijiet tal-Qorti tas-26 ta' April 2005 u tas-17 ta' Gunju 2005 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 2006 ghall-hlas u konferma tar-rapport u provi ta' Benny Farrugia ndikati fin-nota tieghu a fol. 198 tal-process.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-7 ta' Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karl Briffa ghall-attur. Deher il-Perit Tekniku Joseph Gaffiero li halef ir-rapport u nforma lill-Qorti li ghadda kopja lill-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-ezami tar-rapport ghat-3 ta' Mejju 2006; tat-3 ta' Mejju 2006; u tat-22 ta' Gunju 2006 (fol.209) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Falzon ghall-atturi u l-konvenut assistit mill-Profs Refalo. Xehed il-Perit Tekniku Joseph Gaffiero espert kaligrafu in eskussjoni u n-nutar John Spiteri. Id-difensuri ddikjaraw li m'hemmx provi aktar. Profs. Ian Refalo, ghall-atturi, talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom hamsin (50) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-26 ta' Ottubru 2006.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' Carmelo u Julie konjugi Bonnici datata 28 ta' Settembru 2006 kif tidher a fol. 236 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2006 (fol. 243) fejn meta ssejhet il-kawza deher Profs. Ian Refalo ghall-konvenuti. Il-kawza giet differita biex tigi pprezentata n-nota ta' osservazzjonijiet da parti tal-konvenuti fit-terminu ndikat fid-digriet tat-22 ta' Gunju 2006. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 ta' Jannar 2007.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva ta' Farr Limited  Benny Farrugia *proprio et nomine* datata l-1 ta' Dicembru 2006 a fol. 244 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-digriet fejn gie ordnat u hawn qed jigi kkonfermat li l-provi fil-kawza Numru 1677/97 fl-ismijiet "Farr Limited vs Carmelo u Julie konjugi Bonnici" ghandhom jitqiesu bhala provi f'din il-kawza u *vice versa* l-provi f'din il-kawza ghandhom jittiehdu u jigu kkunsidrati bhala provi fil-kawza l-ohra hawn citata, li tinsab ukoll differita ghas-sentenza wkoll ghal-lum stess u din il-Qorti tikkonferma l-istess digrieti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza ta' spoll fejn l-atturi qed jallegaw li l-konvenuti abbusivament, klandestinament u kontra l-volonta` ta' l-atturi hadu gebel mill-propjeta` ta' l-istess atturi u bnew hajt bil-kantun f'nofs il-passagg u bhala konsegwenza uzurpaw nofs il-wisa' tal-passagg imsemmi u ostakolaw l-access liberu ghall-propjeta' ta' l-istess stanti; illi b'hekk il-konvenuti kkommettew spoll u molestija ghad-dannu ta' l-atturi u ghalhekk ghamlu t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni attrici in konnessjoni mal-premess.

Illi jinghad li l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, skond id-disposizzjonijiet ta' l**-artikolu 534 tal-kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma bbazati fuq it-tliet rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati s-segwenti principji u cjoe' li:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt *nomine* vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` *"pussess qasir hafna u*

*sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:-

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93/GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi abbazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Illi hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghti lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal*

*kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9 ta' Marzu 1992).

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija ntiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi njorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. (A.M.) 24 ta' Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta' April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12 ta' April 1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" (P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994) gie riaffermat li:-

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta’ spoll trid issir *“fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv”*, b’dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza “**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**” (Appell – 18 ta’ Gunju 1993) inghad li *“meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta’ spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta’ dan tinkonmbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*”

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **“N.M.J.Agius vs A. Said”** (P.A. RCP 13 ta’ Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **“Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine”** (P.A. 26 ta’ April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **“Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras”** (P.A. 20 ta’ Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **“C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited”** (P.A. 1 ta’ Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **“Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea”** (P.A. 15 ta’ Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **“Christine Ward vs Neville Ward”** (P.A. 13 ta’ Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **“Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar”** (P.A. 30 ta’ Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **“Alan Mckay vs Jacqueline Mckay”** (P.A. 27 ta’ Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **“Salvu Gauci vs Gaspare Psaila”** (P.A. 11 ta’ April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **“Abela vs Abela”** (P.A. 13 ta’ April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **“John Saliba vs Joanne Refalo”** (P.A. 13 ta’ April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **“Anthony Micallef vs Doris Micallef”** (P.A. 2 ta’ Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **“Carmelo Fenech vs Joseph Vella”** (P.A. (RCP) 3 ta’ Ottubru 2000); **“Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri”** (P.A. (RCP) 25 ta’ Ottubru 2000); **“Clive Simpson vs Louis Muscat et”** (P.A. 13 ta’ Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **“Neville Xuereb vs Raymond Aquilina”** (P.A. (RCP) 14 ta’ Marzu 2001); **“Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine”** (P.A. 14 ta’ Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP);

**"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. (RCP) 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP) u **"Joseph Aquilina vs Gordon Gerada"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u **"Joseph Aquilina vs Paul Calleja et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fost ohrajn. Tali principji gew ukoll ikkonfermati bis-sentenza **"Fal-con Limited u C & F Enterprises Limited vs Andre' u Maria konjugi Vassallo"** moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 (Citaz. Numru 972/1997/RCP) u wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **"Farr Limited vs Edward Cassar"** (P.A. (RCP) 7 ta' Dicembru 2006).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi bir-reqqa kollha dovuta fil-kuntest ta' azzjoni ta' spoll, jirrizulta li l-atturi fil-fatt kellhom pussess tal-wisa tal-passagg indikat minnhom u mertu tac-citazzjoni odjerna u dan kien hekk sakemm sehh l-att spolljattiv mertu tal-kawza oderjna, konsistenti mill-att li l-konvenuti hadu gebel li kien fil-proprjeta' ta' l-atturi u bih bnew hajt bil-kantun f'nofs l-istess passagg deskritt fic-citazzjoni attrici u fil-pjanta hemm annessa, liema hajt jinsab indikat fir-ritratti esebiti bhala Dok. "CB 2" sa Dok. "CB 4" tal-process u din il-Qorti thoss li dan kollu gie ppruvat bix-xhieda ta' l-attur Carmelo Bonnici.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-atturi bnew il-proprjeta' taghhom fuq art akkwistata minnhom b'kuntratt datat l-1 ta' April 1986 minghand is-socjeta' Victor Estates Company Limited u s-socjeta' Farr Limited (Dok. "A" – fol. 5) u jidher li minn dak in-nhar l-atturi kellhom access mill-passagg indikat fil-pjanta esebita bhala Dok. "B" (fol. 10) fic-citazzjoni attrici u annessa mal-kuntratt imsemmi bhala Dok. "Y".

Illi fil-fatt huwa sinfikattiv li fl-istess kuntratt jinghad li t-tlett bicciet art hemm indikati u fosthom kien hemm bicca art

tal-kejl ta' 78.2 m.k. li ghandha tifforma parti minn triq privata li trid tidhol ghaliha permezz ta' passagg wisa' ta' mhux anqas minn ghoxrin (20) pied, liema passagg huwa accesibbli minn fuq Triq il-Gejza gja maghrufa bhala Mayfair Avenue. Illi huwa sinfikanti wkoll li fl-istess kuntratt jinghad li t-triq privata u passagg accessibbli minn Triq il-Gejza, *"huma risultanti mill-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala document "Y" fuq liema pjanta l-istess triq privata u passagg privat jinsabu delineati bil-kulur ahmar……".*

Illi fil-fatt jidher li mid-data ta' l-istess kuntratt l-istess atturi qatt ma kellhom ostakolu sabiex juzaw l-istess passagg, tant li meta bnew l-proprjeta' attwali taghhom fuq l-imsemmija siti akkwisti bil-kuntratt indikat u dan snin wara li akkwistaw l-istess art huma ghamlu hajt sabiex jiddimarkaw l-istess estensjoni ta' passagg ta' 20 pied min- naha taghhom u sabiex b'hekk ihallu l-imsemmija 20 pied u sabiex ghamel dan huwa mexa appuntu mal-pjanta indikata bhala Dok. "X" annessa ma' l-istess kuntratt, il-pjanta li fil-fatt tat l-indikazzjoni tal-passagg u fil-fatt fl-istess kuntratt jinghad li hija l-pjanta li tindika fejn ghandu jigi ffurmat l-istess passagg, kif l-istess dicetura tal-kuntratt, in parti hawn citata u riportata tindika sew. Fil-fatt fejn hemm mil-linja hamra fuq l-istess pjanta l-istess atturi ghamlu rampa ghall-garaxxijiet u wara thalla l-passagg ta' 20 pied (xhieda 16 ta' Marzu 1999). Jirrizulta li l-atturi ndikaw il-bidu min-naha taghhom ta' l-istess passagg billi ghamlu cint mill-gebel li kienu hadu meta waqqghu l-*basement* biex jifthu xi kmamar u b'hekk indikaw l-ghoxrin pied tal-passagg. Dan fih innifsu juri li l-atturi kellhom pussess ta' dik il-parti kollha fejn huma ndikaw li hemm mill-passagg ta' ghoxrin pied u dan skond il-pjanta Dok. "Y" annessa mal-kuntratt ta' l-akkwist taghhom u ndikata bhala Dok. "B" annessa mac-citazzjni attrici a fol. 10 tal-process, u huwa fuq dan il-pussess li hija mibnija l-kawza odjerna konsistenti f'azzjoni ta' spoll. Fil-fatt dan il-hajt kien ilu mibni xi sentejn qabel ma' sehh l-att spolljattiv mertu tal-kawza odjerna, u dan huwa l-pussess necessarju sabiex tirnexxi kawza ta' spoll.

Illi fil-fatt jirrizulta ghalhekk mill-provi wara li dan il-hajt kien ilu xi sentejn ezistenti l-konvenuti ma qablux mal-pozizzjoni tieghu, tant li jidher li f'din il-kawza huma qed jikkontendu li l-passagg ma kellux ikun hemm izda kellu jidhol ghaxar piedi lejn il-proprjeta' ta' l-atturi u ghalhekk permezz ta' bennejja nkarigati minnhom hattew dan il-hajt mibni mill-atturi u resquh ghaxar piedi l-gewwa, bil-mod kif indikat fir-ritratti esebiti bhala Dok. "CB2" sa "CB 4", b'tali mod u manjiera li kif jidher mill-istess ritratti tali passagg gie jikkonsisti biss f'ghaxar piedi, u b'hekk l-atturi gew spossessati mill-bqija ta' l-ghaxar (10) piedi tal-passagg, proprju minhabba li l-istess hajt inbena mill-konvenuti fin-nofs ta' l-*area* fejn l-atturi qed jallegaw li hemm il-passagg, passagg li qabel l-att spolljattiv *da parte* tal-konvenuti, l-istess atturi certament li kellhom pussess tieghu. Bil-mod li sar l-istess hajt *da parte* tal-konvenuti dan tqieghed fuq kanal ta' ilma li kien sar mill-atturi sabiex jaghddi l-ilma u dan fil-fatt gie wkoll imblukkat u b'hekk l-ilma ma setghax jibqa' ghaddej.

Illi jidher ghalhekk li l-konvenuti affettivament ma humiex qed jaqblu mal-interpretazzjoni tal-kuntratt kif ezercitata mill-atturi, almenu f'dik li hija pozizzjoni tal-passagg, izda din il-Qorti thoss li l-interpretazzjoni tal-kuntratt hija materja li din il-Qorti tista' tidhol fiha biss f'azzjoni fil-mertu u mhux f'azzjoni ta' spoll, li tehtieg prova ta' pussess ta' liema natura tkun, u prova ta' l-att spolljattiv, u dan fil-fatt gie ppruvat ghaliex jidher li l-konvenuti hadu l-ligi f'idejhom u ftit granet qabel infethet l-azzjoni attrici fit-18 ta' Lulju 1999, huma bnew il-hajt in kwistjoni u b'hekk fixxklu u ostakolaw il-pussess tal-passagg ta' ghoxrin pied indikat mill-atturi – atti li l-azzjoni ta' spoll hija fil-fatt intenzjonata li tevita.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-pussess ta' l-atturi tal-passagg kif allegat minnu ta' ghoxrin pied mill-pozizzjoni ndikata minnu fil-pjanti ndikati giet ikkorroborata mix-xhieda tal-Perit Brian Ebejer li hejja *survey* li jinsab esebit bhala Dok. "CB 7" u x-xhieda ta' l-istess Perit Brian Ebejer li kkonferma li meta sar il-bini ta' l-atturi huwa mexa fuq il-pjanta esebita bhala Dok. "B" mac-citazzjoni attrici (Dok. "Y" – annessa mal-kuntratt u fil-fatt irrefera ghal-*road area*

ta’ 78.3 metri kwadi, li hija riferenza proprju ghall-pjanta annessa ma’ l-istess kuntrat sabiex tindika l-pozizzjoni tal-passagg. Jidher car mix-xhieda ta’ l-istess perit li meta mar fuq il-post il-hajt mibni mill-konvenuti fejn huwa llum ma kienx hemm, tant li l-istess perit ikkonstata li abbazi tal-pjanta Dok. “B” annessa mac-citazzjoni attrici, l-passagg kien u kellu jkun fejn attwalment indikaw originalment l-atturi bil-bini tal-hajt bid-dimarkazzjoni taghhom – konkluzzjoni li ghaliha oggezzjonaw il-konvenuti bl-atti spolljattiv mertu tal-kawza odjerna.

Illi fil-fatt il-perit tekniku nominat mill-Qorti l-Perit Joseph Ellul Vincenti kkonferma li l-atturi kien ghamlu l-passagg taghhom konformi mal-pjanta li hemm esebita a fol. 10 tal-process, u hawn issir riferenza ghall-paragrafu 9 ta’ l-istess relazzjoni peritali li tikkonferma t-tezi attrici. Dan huwa bizzejjed ghall-fini ta’ azzjoni odjerna ta’ spoll li titratta biss fuq il-pussess u mhux fuq il-petitorju, u dan ghaliex b’dan il-mod ukoll hemm ippruvat li meta bnew il-hajt l-atturi huma kellhom access ghall-estensjoni ta’ l-art kollha fejn huma ndikaw li kien hemm mil-passagg, u dan jirrizulta li kien il-kaz meta sar il-hajt mill-istess atturi, anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni z-zmien meta huma ndikaw li bnew l-istess hajt fix-xhieda taghhom gja ndikata u wkoll f’dak li gie ndikat minnhom proprju quddiem il-perit tekniku. Il-hajt mibni mill-konvenuti huwa ndikat mill-istess perit tekniku bhala RS u jinsab indikat fir-ritratti mehuda minnu u wkoll l-istess konkluzjonijiet hawn raggunti huma kkonfermati fir-risposti tieghu in eskussjoni fejn jirrizulta car li l-ewwel sar il-hajt mibni mill-atturi u wara dan il-hajt tnehha mill-konvenuti u nbena mill-gdid kif muri fl-istess ritratti annessi mar-rapport peritali, hajt li huwa mertu tal-kawza ta’ spoll odjerna.

Illi mhux hekk biss izda jidher car li fil-kuntratt indikat ta’ l-akkwist ta’ l-atturi saret riferenza ghall-art akkwistata mill-atturi permezz ta’ zewg pjanti ndikati bhala Dok. “X” u “Y” rispettivament, pero’ din il-Qorti tinnota (kif hawn ukoll citat) li fl-istess kuntratt fejn hemm indikat il-passagg mertu tal-kawza odjerna saret riferenza ghall-pjanta wahda u cjoe’ dik indikata bhala Dok. “Y”, kif il-kliem stess ta’ l-istess kuntratt jghid car, pjanta li tinsab esebita a fol.

10 ta’ dan il-process. Dwar ir-rapport tal-espert kaligrafu, dan apparti li hija konsiderazzjoni dwar it-titolu u l-kuntratt ta’ akkwist, li mhux ezami li ghandu u jista’ jsir f’kawza ta’ spoll, jinghad li ma hemm ebda disputa dwar il-kliem “dokument “Y” fir-raba’ linja tal-hames paragrafu tal-pagna tal-kuntratt li tinsab a fol. 212 tal-process u tali dokument “Y” huwa l-unika pjanta li saret riferenza ghaliha sabiex tindika l-passagg mertu tal-kawza odjerna. B’hekk il-konkluzjonijiet tal-espert kaligrafu ma jbiddlu xejn minn dak hawn deciz fil-kuntest dejjem ta’ azzjoni ta’ spoll. Dan apparti x-xhieda tan-Nutar Joseph Spiteri u wkoll il-fatt li z-zewg pjanti li ghalihom saret riferenza fl-istess kuntratt kienu ffirmati mill-istess nies (fol. 191 – relazzjoni tal-espert galigrafu – Citaz.Numru 1697/97/RCP).

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-hajt mertu tal-kawza odjerna ttella’ mill-konvenuti u dan ghaliex huma jippretendu li l-passagg kellu jkun skond il-pjanta ndikata bhala Dok. “X” annessa mal-kuntratt ta’ l-akkwist tal-proprjeta’ ta’ l-atturi u fil-fatt hawn issir riferenza ghall-ahhar paragrafu ta’ l-affidavit tal-konvenut Bernard Farrugia  esebit bhala Dok. “BJF” a fol. 98 tal-process Citaz. Numru 1697/97/RCP; jinghad ukoll li x-xhieda ta’ l-atturi dwar pussess u l-att spoljattiv *da parte* tal-konvenuti hija kkorroborata mix-xhieda ta’ Arthur Buttigieg, Carmelo Grech, Emanuel Theuma u George Fenech fl-affidavits taghhom esebiti b’nota datata 5 ta’ Lulju 2002 a fol. 141 ta’ l-istess process fuq riferit Citaz. Numru 1697/97/RCP

Illi b’hekk din il-Qorti thoss li t-tieni u t-tielet talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta’ azzjoni ta’ spoll, ghaliex id-difiza tal-konvenuti hija bbazata fuq kollox fuq allegazzjonijiet ta’ natura ta’ titolu, mentri din il-Qorti thoss li f’din il-kawza l-elementi ta’ pussess u spoll allegat mill-atturi fic-citazzjoni odjerna gie ppruvat kif hawn indikat.

Illi dwar id-diversi tentattivi tal-konvenuti li jressqu provi u jittrattaw il-kawza dwar it-titolu din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad iktar ‘il fuq, dak li gie ndikat fin-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturi, u fuq kollox dak li gie riaffermat fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell gja

citata fl-ismijiet **“Farr Limited vs Norman Cutajar et”** (A.C. 6 ta’ Frar 2004) u cjoe’ li:-

*“Trattandosi hawn ta’ azzjoni ta’ spoll, mhux lecitu ghal xi parti li tidhol fil-petitorju. Jekk verament kien hemm* (jew hemm) *xi dubji dwar il-konsistenza jew il-konfigurazzjoni ta’ l-art akkwistata min-naha tal-konvenut appellant u sija min-naha tas-socjeta’ appellata, haga bhal din tezorbita minn dak li hu kkonsentit li jigi mgharbel f’azzjoni ta’ spoll…”.*

Illi min-naha l-ohra dwar l-ewwel talba attrici din il-Qorti thoss li *stante* li din hija azzjoni ta’ spoll u la darba l-istess talba tirreferi ghal titolu ta’ proprjeta’, fil-kuntest tal-premessi stess attrici u dak li nghad dwar l-azzjoni ta’ spoll, tali talba ma tistax tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u fil-waqt li **tichad l-ewwel talba attrici** ghar-ragunijiet premessi u ghaliex ma hijiex kompatibbli ma’ dik ta’ azzjoni ta’ spoll, **tilqa’ t-tieni u t-tielet talba attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Joseph Ellul Vincenti, li qed jigi nnominat ghal dan l-iskop a spejjez ta’ l-istess konvenuti, jiddemolixxu l-hajt li bnew u jirrimwovu l-gebel kollu li wzaw b’mod li jhallu l-passagg ghall-uzu ta’ l-atturi bil-mod kif indikat f’din id-decizjoni u fil-premessi tac-citazzjoni attrici.

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu l-istess xoghlijiet fiz-zmien qasir u perentorju ndikat a bazi tat-tieni talba ta’ din id-decizjoni, l-Qorti qed tawtorizza lill-atturi biex jezegwixxu l-imsemmija xoghlijiet huma ghas-spejjes tal-konvenuti taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Joseph Ellul

Vincenti, li qed jigi nnominat ghal dan l-iskop a spejjez ta' l-istess konvenuti.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni tas-27 ta' Gunju 1997 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------